*l-Avviż Legali 210 tal-2004 (Leġislazzjoni Sussidjarja 325.07) - il-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 – l-artikolu 27 tal-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta – l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta –*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Diċembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 113/2022 LM

**Jason Vella (K.I. 82283M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), Awtorità ta' Ġestjoni (FAEZR) fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Jason Vella**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-27 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal laqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati **Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), Awtorità ta' Ġestjoni (FAEZR) fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet** [hawnhekk 'l-appellati'], u ddikjara li mhux kompetenti sabiex ikompli jittratta u jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent, u għalhekk astjena milli jkompli jieħu konjizzjoni ta' dan il-każ.

## <u>Fatti</u>

2. Fis-27 ta' Marzu, 2020, ir-rikorrent daħal fi *grant agreement* mal-Awtorità ta' Ġestjoni (FAEZR) fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi fil-Ministeru responsabbli mill-Fondi Ewropej, li permezz tiegħu l-Awtorità ta' Ġestjoni ntrabtet li tagħti lir-rikorrent is-somma ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) bħala għajnuna finanzjarja sabiex jintużaw mir-rikorrent għall-finijiet ta' twaqqif ta' razzett tal-mogħoż u tan-nagħaġ. Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Novembru, 2022, ir-rikorrent ġie infurmat li l-ARPA kienet ser tapplika korrezzjoni finanzjarja ta' mija fil-mija (100%), li permezz tagħha l-appellant ġie ordnat sabiex fi żmien tletin (30) jum jirrifondi l-ammont sħiħ tal-għotja finanzjarja li saritlu, u b'hekk ir-rikorrent ġie ordnat sabiex fi żmien tletin jum jirrifondi l-ammont sħiħ tal-għotja finanzjarja li kien irċieva u ċjoé €119,999.99. Ir-irkorrent ġie mgħarraf ukoll li l-ARPA kienet ser twaqqaf kwalsiasi pagament

ieħor mill-bilanċ rimanenti li kien imwiegħed lilu. Ir-rikorrent ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, fejn qal li s-sanzjonijiet imposti fuqu huma eċċessivi u abbużivi, u possibilment influwenzati minn fatturi esterni iżda mhux limitati għal rappurtaġġ sensazzjonali u tixrid ta' informazzjoni falza fuq il-mezzi tax-xandir. Qal li huwa qiegħed jikkontesta n-nuqqasijiet elenkati fl-ittra mibgħuta lilu, għaliex dawn mhumiex qed jiġu kkunsidrati fil-kuntest sħiħ tagħhom. Qal ukoll li huwa qatt ma talab jew ingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni bil-miktub għal dawn l-allegati nuqqasijiet, u dan bi ksur tad-drittijiet kuntrattwali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 18(2) tal-Ftehim ta' Għotja, kif ukoll bi ksur tal-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal ukoll li min-naħa tiegħu huwa dejjem ottempera ruħhu mal-Ftehim tal-Għotja, u minkejja li affaċċja diversi sfidi fil-bidu ta' din l-intrapriża agrikola tiegħu, dawn ma jimmeritawx is-sanzjoni imposta fuqu. Ir-rikorrent qal ukoll li f'każ li s-sanzjonijiet jiġu imposti, dawn ser ikunu qegħdin imorru kontra l-ispirtu tal-għotja li saret, jiġifieri sabiex huwa jkun jista' jwaqqaf razzett tan-nagħaġ u l-mogħoż ħalli t-tradizzjonijiet Maltin ikunu jistgħu jiġu kkonsolidati. Qal li f'dan il-każ hemm ukoll ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif imħares fil-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, u kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

3. L-intimati wieġbu li r-relazzjoni bejn ir-rikorrent u uħud minnhom hija waħda kuntrattwali u temani minn kuntratt numru 21441/238504/2020, li ġie ffirmat bejn ir-rikorrent u l-Awtorità ta' Ġestjoni, u permezz ta' dan il-kuntratt ir-rikorrent kien benefiċjarju ta' fondi sabiex jiżviluppa proġett rurali bl-isem *Setting up of a Goat and Sheep Farm – Keeping Maltese traditions alive.* L-

intimati wieġbu li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva m'għandux kompetenza sa biex jisma' din il-vertenza, u li l-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli għall-każ odjern. Barra minn hekk l-intimati eċċepew li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tressqet b'mod neboluż, għaliex ir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u uħud mill-intimati temani minn kuntratt kummerċjali, u b'hekk l-azzjonijiet attakkati ma jaqgħux fil-parametri ta' għemil amministrattiv. Qalu wkoll li f'każ li t-Tribunal isib li m'għandux il-kompetenza jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni, l-intimati jeċċepixxu l-inapplikabilità tal-ewwel proviso tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimati qalu wkoll li *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali mhuwiex il-leġittimu kontradittur, u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu, l-intimati eċċepew li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk dawn għandhom jiġu miċħuda. Qalu li r-rikorrent kellu sal-31 ta' Marzu, 2021 sabiex ilesti l-proġett li għalih irċieva l-fondi, u dan id-*deadline* ġie estiż sal-aħħar ta' Diċembru 2021. Spjegaw li r-rikorrent talab estensjoni addizzjonali, u b'hekk il-proġett kellu jkun lest sal-31 ta' Marzu, 2022. L-intimati qalu li skont il-ftehim in kwistjoni, il-benefiċjarju issuġġetta lilu nnifsu għall-verifiki u l-kontrolli li jridu jsiru mill-ARPA, bl-iskop li jsiru verifiki fuq il-proġett. Qalu li fil-15 ta' Ottubru, 2022, uffiċjali tal-ARPA marru fuq is-sit u sabu li l-proġett la kien komplut u lanqas ma kien qiegħed jiffunzjona, u dan kollu ġie dokumentat fir-rapport li sar wara s-*site visit.* Qalu li għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 18(2) tal-Ftehim tal-Għotja. L-intimati żiedu jgħidu li skont l-artikolu 20 tal-ftehim in kwistjoni, ir-rikorrent għandu jirrifondi l-għajnuna mogħtija lilu, u dan anki skont l-ittra mibgħuta mill-ARPA fl-4 ta' Novembru, 2022, u kuntrarjament għal dak allegat

mir-rikorrent, is-sanzjonijiet imposti fuqu jemanu mill-ftehim. L-intimati eċċepew li huma aġixxew fil-parametri tal-obbligi tagħhom u skont dak mitlub minnhom, u ma kien hemm l-ebda ksur tal-Karta kif jallega r-rikorrent, apparti l-fatt li ma tressqet l-ebda talba marbuta mal-istess.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati għandha tiġi milqugħa, u filwaqt li ddikjara li huwa mhux kompetenti biex jittratta u jiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrent, astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent ipproċeda bl-appell odjern stante li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ARPA datata 4 ta' Novembru, 2022, li permezz tagħha ġie ordnat li jirrifondi mija u dsatax-il elf, disa' mija u disgħa u disgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€119,999.99) filwaqt li ġie mgħarraf li kien se jitwaqqaf kwalsiasi pagament ieħor mill-bilanċ tas-somma totali ta' għotja li kienet approvata preċedentement bħala għajnuna finanzjarja għat-twaqqif ta' razzett tal-mogħoż u nagħaġ.*

*Illi mill-provi dokumentarji mressqa jirriżulta illi fis-27 ta' Marzu, 2020, ir-rikorrent daħal fi ftehim mal-Awtorità ta' Ġestjoni fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej fejn ġie stipulat illi r-rikorrent kien se jimplimenta proġett intitolat* Setting up of A Goat and Sheep Farm – Keeping Maltese Traditions Alive *taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (2014-2020).*

*Illi ai termini tal-Artikolu 11 tal-imsemmi ftehim jirriżulta illi l-entità li tipproċessa l-ħlasijiet relatati mal-proċess hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA). Skont artikolu 11 tal-Ftehim l-ARPA għandha d-dritt li titlob kjarifika u dokumentazzjoni qabel ma tipproċessa talbiet għall-ħlas. Illi jirriżulta wkoll illi ai termini ta' Artikolu 20 tal-Ftehim illi "*F'każ ta' nuqqasijiet fi kwalunkwe mill-obbligi tiegħu assunti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, il-Benefiċjarju għandu

immedjatament jitlef id-drittijiet kollha li joħorġu minn dan il-Ftehim, u għandu jħallas lura lill-ARPA sal-ammont totali tal-Għotja riċevuta sa dak il-mument bis-saħħa tal-Azzjoni.

Imgħax jista' jakkumulaw favur l-ARPA bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont imsemmi dovut sakemm l-Għotja tiġi rimborsata kollha."

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati saħqu illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza* rationae materiae *u dan stante li din il-kwistjoni hija regolata taħt il-Liġi Sussidjarja 146.03 (Regolamenti Dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti). Min-naħa l-oħra r-rikorrent jisħaq illi dan it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni ai termini tal-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji).*

*Illi r-rikorrent isostni li huwa l-Kap. 325 li japplika għall-każ odjern għaliex fil-ftehim hemm indikat l-Avviż Legali 210 tal-2004 li ġie promulgat taħt il-Kap. 325.*

*Min-naħa l-oħra, l-intimati jsostnu li ma hemm ebda rabta bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-ARPA mal-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi, fil-fehma tal-intimati, tapplika l-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03.*

*Illi artikolu 13(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 jistipula s-segwenti, u ċioe:-*

"Kull tilwima li tirriżulta minn talbiet magħmulin lill-Aġenzija għall-Pagamenti għandha tiġi riżolta permezz ta' arbitraġġ u għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ kif hemm fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Arbitraġġ fi żmien għoxrin ġurnata mid-data ta' meta persuna tkun ġiet mgħarrfa mill-Aġenzija għall-Pagamenti bid-deċiżjoni tagħha jew mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tagħha skont il-każ, u ma tista' tinġieb ebda azzjoni kontra l-Aġenzija għall-Pagamenti wara li jiskadi dak iż-żmien."

*Illi t-Tribunal ikkunsidra dak sottomess mir-rikorrent, u ċioe illi l-liġi applikabbli hija l-Kap. 325, u dana għaliex f'Artikolu 3(a) tal-ftehim hemm imsemmi l-Avviż Legali 210 tal-2004 (Regolamenti dwar is-Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat). Illi però t-Tribunal jirrileva illi mal-imsemmi Avviż Legali hemm imsemmija għadd ta' liġijiet oħra, fosthom:*

1. *L-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp*
2. *L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent*
3. *L-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data*
4. *L-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali*
5. *L-Att dwar ir-Responsabbilità Fiskali*
6. *L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*
7. *L-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u għan-Nisa*

*8. L-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità*

*Ili fil-fehma tat-Tribunal ir-rikorrent, għal raġunijiet li jafhom hu, għażel li jiċċita liġi waħda minn dawk elenkati u qiegħed isostni li siccome l-liġi li taħtha ġie promulgat l-Avviż Legali 210 tal-2004, u ċioe l-Kap. 325, tagħti ġurisdizzjoni lil dan it-Tribunal biex jisma' appelli meħudin fl-ambitu tagħha, allura dan it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni jisma'  u jiddeċiedi dan l-appell.*

*Illi t-Tribunal, bir-rispett dovut, ma jaqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet. Illi fil-fehma tiegħu l-liġijiet nostrani u tal-Unjoni Ewropea elenkati f'Artikolu 3 ma ġewx elenkati biex jiddeterminaw liema forum għandu ġurisdizzjoni jiddetermina kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu mill-ftehim iffirmat bejn ir-rikorrenti u l-Aġenzija ta' Ġestjoni. Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-Avviż Legali ċitat mir-rikorrenti, u ċioe l-Avviż Legali 210 tal-2004 (Leġislazzjoni Sussidjarja 325.07) jintebaħ illi din il-liġi hija mmirata u tirregola l-entitajiet li jipprovdu d-diversi skemi ta' għajnuna finanzjarja u kwindi ma tiċċentra xejn għall-fini tal-mertu tal-appell odjern. Iktar minn hekk id-dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal li jeżisti taħt il-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta huwa strettament minn deċiżjonijiet li tieħu l-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta Mwaqqfa bl-Att dwar il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba d-deċiżjoni li biha ħassu aggravat ir-rikorrent ħarġet mill-ARPA allura huwa kellu jsegwi l-proċedura elenkata fl-Avviż Legali 146.03 sabiex iressaq l-oġġezzjoni tiegħu għall-istess deċiżjoni. Illi kif ingħad f'bosta sentenzi ta' dan it-Tribunal, dan it-Tribuanl m'għandux kompetenza ġenerali li jissindika kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva. Il-ġurisdizzjoni tiegħu hija delinejata f'dawk il-liġijiet li espressament jadixxu lil dan it-Tribunal jissindika deċiżjonijiet mogħtija a tenur tal-istess liġijiet.*

*Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata ttieħdet a tenur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03, liema liġi tgħid ċar illi min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-ARPA għandu jirreferi l-aggravji tiegħu liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta.*

*Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-intimati għandhom raġun fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti li jittratta u jiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrenti, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

## L-Appell

5. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fis-17 ta' April, 2023, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *rationae materiae* tal-intimati, u tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal għall-prosegwiment tal-proċeduri, u jekk din il-Qorti ma taqbilx li l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *rationae materiae* hija infondata, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu ttrasferiti quddiem iċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ jew kwalsiasi Qorti jew Tribunal ieħor li jista' jidhrilha li huwa kompetenti.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal ikkonsidra biss min ikkomunika d-deċiżjoni tar-revoka tal-għotja, imma naqas milli jikkonsidra li meta l-ARPA kkomunikat din id-deċiżjoni, id-deċiżjoni kienet deċiżjoni abbażi tal-artikolu 27 tal-Kap. 325 li jagħti s-setgħa tar-revoka ta' benefiċċji u inċentivi li jinkludu għotjiet, u mhux deċiżjoni taħt il-leġislazzjoni sussidjarja 146.03 li ma tagħtix dan il-poter. L-appellant qal li t-Tribunal kellu jmur oltre 'l għaliex kellu jqis in-natura tal-għotja u r-relazzjoni ġuridika bejn l-Istat u l-appellant, u n-natura tal-għotja tirriżulta kemm mill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet kif ukoll mil-liġi. L-appellant qal li l-kuntratt bejn il-partijiet huwa ffirmat bejnu fuq naħa, u mill-awtorità ta' ġestjoni fuq in-naħa l-oħra, u għalhekk l-ARPA ma setgħetx tieħu d-deċiżjoni kkontestata però tikkomunikaha biss f'isem ħaddieħor. Qal li fl-artikolu 3, il-kuntratt jelenka l-liġi applikabbli għalih, primarjament l-Avviż Legali 210 tal-2004, liema Avviż Legali ġie promulgat a tenur tal-Kap. 325, l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju. L-appellant kompla jgħid li l-Kap. 325, fl-artikolu 2 tiegħu jagħti d-definizzjoni ta' 'korporazzjoni', u kif huwa pprovdut

f'din id-definizzjoni, il-Ministru ħareġ regolamenti permezz tal-Avviż Legali 210 tal-2004. F'dan l-Avviż Legali twessgħet id-definizzjoni ta' min jista' jagħti benefiċċji taħt il-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal li ladarba l-FAEZR aġixxiet taħt l-Avviż Legali 210 tal-2004 bis-setgħa tal-Kap. 325, u anke kif jirriżulta minn artikolu 3 tal-kuntratt in kwistjoni, għandu jirriżulta li l-għotja saret taħt l-artikolu 3(1)(d) tal-Kap. 325, li jipprovdi għal għotjiet lil benefiċjarji li joperaw negozju ta' agrikoltura, trobbija ta' bhejjem fi rziezet jew ortikultura fuq skala kbira. Qal li mill-banda l-oħra, l-għotja ma setgħet qatt tingħata taħt ir-regolamenti 146.03 li abbażi tagħha twaqqfet l-ARPA, u dan minħabba li l-FAEZR hija awtorità li kienet taqa' taħt il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, filwaqt li l-ARPA taqa' taħt il-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura. L-appellant kompla jgħid li r-regolamenti stabbiliti fil-liġi sussidjarja 146.03 imkien ma jikkontemplaw ir-revoka ta' benefiċċju li jkun diġà qiegħed jingħata, iżda jikkontempla biss kontestazzjoni ta' talba lill-ARPA li tiġi miċħuda. Qal ukoll li fil-każ odjern il-benefiċċju kien diġà qiegħed jingħata sa mill-iffirmar tal-kuntratt. L-appellant saħaq li ladarba s-setgħa li tirrevoka għotja finanzjarja lill-benefiċjarju hija biss ikkontemplata fl-artikolu 27 tal-Kap. 325, ir-rimedju adegwat huwa dak taħt l-artikolu 28 tal-istess liġi, li jagħti kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Qal ukoll li anke li kieku l-eċċezzjoni tal-intimati kellha tirriżulta fondata, it-Tribunal, bl-applikazzjoni tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12, minflok sempliċiment jiċħad it-talbiet, kellu jordna li l-Atti tal-proċeduri jiġu ttrasferiti liċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ jew lil kwalsiasi Qorti jew Tribuanl ieħor li seta' kien kompetenti.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellati fir-risposta tagħhom wieġbu li huma ma jaqblux mal-pożizzjoni tal-appellant. Qalu li minn qari akkurat tar-rikors promutur, għandu jirriżulta li d-deċiżjoni li qiegħed jittenta jattakka l-appellant hija dik tal-Aġenzija għall-Pagament Agrikolu u Rurali (ARPA). L-appellati qalu li l-ARPA ma kinitx parti kontraenti fil-ftehim numru 21441/238504/2020 bl-isem "*Setting Up of a Goat and Sheep Farm – Keeping Maltese Tradition Alive.*" Qalu li l-liġijiet imsemmija fl-istess ftehim ma kinux jiffurmaw parti minn xi lista eżawrjenti. Spjegaw li l-appellant qiegħed jittenta jattakka biss id-deċiżjoni tal-ARPA skont il-liġi applikabbli, u mhux xi deċiżjoni oħra li setgħet ittieħdet mill-appellati. Qalu li sabiex persuna tattakka deċiżjoni meħuda mill-ARPA, il-proċeduri jridu jiġu intavolati fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta skont il-liġi sussidjarja 146.03, li fl-artikolu 13 tagħha tipprovdi:

> "13(1) Kull tilwima li tirriżulta minn talbiet magħmulin lill-Aġenzija għall-Pagamenti għandha tiġi riżolta permezz ta' arbitraġġ u għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ kif hemm fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Arbitraġġ fi żmien għoxrin ġurnata mid-data ta' meta persuna tkun ġiet mgħarrfa mill-Aġenzija għall-Pagamenti bid-deċiżjoni tagħha jew mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tagħha skont il-każ, u ma tista' tinġieb ebda azzjoni kontra l-Aġenzija għall-Pagamenti wara li jiskadi dak iż-żmien."

8. L-appellati saħqu li għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ddikjara li hemm nuqqas ta' kompetenza. Qalu wkoll li t-Tribunal kien korrett fil-konsiderazzjonijiet li għamel rigward l-applikazzjoni tal-Kap. 325 għas-sitwazzjoni odjerna.

9. L-appellati qalu wkoll li huma ma jaqblux mat-talba tal-appellant li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza jisma' din l-

azzjoni, il-Qorti għandha tirrimandi l-atti liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ *ai termini* tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu li dan l-artikolu ċċitat mhux applikabbli għaliex dan japplika biss għall-każijiet fejn it-trasferiment isir għal tribunali, bordijiet u qrati, u li dan mhux il-każ fir-rigward taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, tant hu hekk li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma rrikorriex għall-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 kif jagħmel b'mod konsistenti anki fil-każistika tiegħu. In konklużjoni, l-appellati qalu li din il-Qorti għandha tiċħad ir-rikors tal-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant flimkien mat-tweġiba tal-appellati, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tat-Tribunal kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata. Permezz ta' ittra mibgħuta lill-appellant fl-4 ta' Novembru, 2022, dan ġie infurmat li l-għajnuna finanzjarja li kien ingħata kienet ser tiġi mwaqqaf mill-Aġenzija għall-Pagamenti Rurali u Agrikoli (ARPA) wara li nstabu xi nuqqasijiet rigward il-proġett li l-appellant wiegħed li ser jagħmel bl-għajnuna finanzjarja li kellha tingħatalu, u li parti sostanzjali minnha fil-fatt kienet diġà ngħatatlu, u kienet qiegħda tintalab lura. It-Tribunal iddeċieda li l-ARPA hija l-entità li tipproċessa l-ħlasijiet relatati ma' proġetti bħal dawn, u li għandha d-dritt titlob kjarifiki u dokumentazzjoni qabel tipproċessa talbiet għall-ħlas. It-Tribunal iddeċieda li huwa m'għandux kompetenza *rationae materiae* sabiex jiddetermina l-kwistjoni lanjata mill-appellant, għaliex il-kwistjoni hija regolata mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 (ir-Regolamenti dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti), li fl-artikolu 13 tagħha

tispeċifika li kull tilwima li tirriżulta minn talbiet magħmula lill-Aġenzija għall-Pagamenti għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ kif hemm fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Arbitraġġ.

11. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal ikkonsidra biss liema kienet l-entità li kkomunikat id-deċiżjoni tar-revoka tal-għotja, filwaqt li naqas milli jikkonsidra li meta l-ARPA kkomunikat din id-deċiżjoni, din kienet qiegħda tittieħed abbażi tal-artikolu 27 tal-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti s-setgħa tar-revoka tal-benefiċċji. L-appellant qal li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 ma tagħtix poter bħal dan. L-appellant qal li qabel jiddeċiedi li huwa mhux il-forum kompetenti sabiex jisma' din it-tilwima, it-Tribunal kellu jikkonsidra n-natura tal-għotja u r-relazzjoni ġuridika bejn l-Istat u l-appellant, u qal li l-ARPA ma setgħetx tieħu d-deċiżjoni li tirrevoka l-għotja hi, iżda setgħet biss tikkomunikaha f'isem ħaddieħor. Kompla jgħid li l-għotja saret taħt l-artikolu 3(1)(d) tal-Kap. 325, li jirregola għotjiet lill-benefiċjarji li joperaw negozju ta' agrikoltura. L-appellant qal li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 ma tikkontemplax ir-revoka ta' benefiċċju li jkun qiegħed jingħata, iżda biss il-kontestazzjoni ta' talba lill-ARPA li tiġi miċħuda, u s-setgħa tar-revoka hija regolata bl-artikolu 27 tal-Kap. 325 u bl-ebda liġi oħra. Qal li r-rimedju adegwat għal min iġarrab revoka tal-għotja, huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 27 tal-Kap. 325, li jgħid li l-proċeduri ta' appell għandhom isiru quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

12. Fl-aħħarnett l-appellant sostna li ladarba t-Tribunal iddeċieda li mhuwiex il-forum kompetenti sabiex jisma' l-lanjanzi mressqin minnu, dan kellu jiddeċiedi li l-atti għandhom jintbagħtu quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta'

Malta sabiex jisma' l-lanjanzi tiegħu. Fil-fatt l-appellant qal li f'każ li din il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tiegħu, din għandha tibgħat l-atti proċesswali quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ sabiex il-vertenza tiġi deċiża minn Arbitru.

13. Minn qari tal-ftehim li l-appellant huwa firmatarju tiegħu, joħroġ ċar li l-ftehim rigward il-benefiċċju li kellu jirċievi l-appellant sar ma' rappreżentant tal-Awtorità ta' Ġestjoni (FAEZR) fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, minkejja li l-*overseer* ta' dan il-proġett kellha tkun l-ARPA, bħala l-entità li għandha jedd tagħmel verifiki u kontrolli fuq il-proġetti proposti, u fuq il-mod kif jintużaw il-fondi allokati għal proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej. Fil-każ odjern kienu uffiċjali tal-ARPA li għamlu spezzjoni tal-proġett propost mill-benefiċjarju, u li kkonstataw li dan ma kienx onora l-obbligi assunti minnu fit-termini stabbiliti, u kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li dan għandu jirritorna l-fondi kollha li kien irċieva. Id-deċiżjoni amministrattiva ttieħdet mill-ARPA bħala l-korp ta' verifika li għandu s-setgħa li jagħmel kontrolli u spezzjonijiet *ai termini* tal-ftehim iffirmat mill-appellant. Il-Qorti tgħid li l-appellant huwa żbaljat meta jgħid li r-rimedju li għandu huwa dak regolat mill-artikolu 27 tal-Kap. 325 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex huwa ċar minn qari ta' dan l-artikolu, li dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma maħsuba biex jirregolaw għotjiet u benefiċċji li tagħmel il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, u l-ebda entità oħra. Fil-fatt l-artikolu 27(1) tal-Kap. 325 jibda billi jipprovdi illi:

> "(1) Meta kumpannija kwalifikanti jew benefiċjarju ieħor jonqsu li jħarsu jew li jaraw li titħares xi waħda mill-kundizzjonijiet marbuta mal-għoti mill-Korporazzjoni ta' inċentiv jew benefiċċju taħt dan l-Att ...".

14. Huwa evidenti li fil-każ odjern ma kinitx 'il-Korporazzjoni' li jirreferi għaliha l-Kap. 325 li għamlet l-għotja jew li tat il-benefiċċju, u għalhekk huwa żbaljat l-appellant meta jgħid li huwa dan l-artikolu tal-liġi li għandu jirregola l-proċedura tal-appell ippreżentat minnu. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Bio Diets EU Limited (C 46197) et *vs.* Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima**[1], fejn kienet għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-kompetenza taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ fi kwistjonijiet li jirriżultaw minn talbiet magħmulin lill-ARPA:

> *"26. ... Meta l-leġislatur ħejja l-qafas legali sabiex uħud mill-vertenzi jibdew jiġu riżolti bil-proċedura tal-arbitraġġ, fuq quddiem nett kien hemm kwistjonijiet ta' natura kummerċjali, partikolarment dawk li jinvolvu negozji, ħlasijiet ta' flus, u l-interpretazzjoni ta' kuntratti. Il-ħsieb wara dawn il-metodi alternattivi ta' riżolviment ta' tilwim, kien li jinħoloq mekkaniżmu barra l-qrati fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod spedjenti abbażi tal-ekwità, sabiex negozjanti u persuni involuti fil-kummerċ ikollhom il-konfort li f'każ li tinqala' tilwima, din tiġi riżolta bl-aktar mod spedjenti possibbli. Għal dan il-għan, l-intenzjoni tal-leġislatur żgur li ma kinitx li jgħabbi l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ b'formaliżmu u riġidità żejda, u ċertament li d-dispożizzjonijiet tal-liġi ċċitata mill-aġenzija appellanta in sostenn tal-pożizzjoni tagħha għandhom jingħataw l-aktar tifsira wiesgħa possibbli, sabiex jinkludu proprju tilwimiet li mhumiex strettament talbiet minn bdiewa u raħħala għall-għoti ta' fondi jew pagamenti, iżda li jinkludu wkoll tilwimiet li jirriżultaw minn talbiet oħra li jistgħu jsiru lill-Aġenzija għall-Pagamenti."*

15. Il-Qorti tqis li l-lista ta' liġijiet applikabbli u li jirregolaw il-ftehim, mhijiex waħda eżawrjenti, u minkejja li fil-ftehim jissemma l-Avviż Legali 210 tal-2004 bħala waħda mil-liġijiet prinċipali u rilevanti, il-kwistjoni li qamet mhijiex regolata mill-Kap. 325 iżda mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03, u ċjoé mir-

[1] 19.05.2021.

regolamenti mfassla biex jirregolaw l-operat tal-Aġenzija għall-Pagamenti. Għaldaqstant tqis li l-ewwel parti tal-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

16. L-appellant jgħid ukoll li t-Tribunal kien żbaljat meta naqas li japplika l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jirregola x'għandu jseħħ meta proċeduri jinbdew quddiem qorti differenti minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tal-vertenza li tkun:

> "Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet *in camera,* li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu ttrasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża: …".

17. L-appellati wieġbu li ċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ mhux qorti, bord jew tribunal, u kien għalhekk li t-Tribunal naqas li jeżerċita l-poter konferit lilu permezz tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 sabiex jordna li l-atti jintbagħtu quddiem iċ-Ċentru. Il-Qorti tqis li dan huwa raġunament żbaljat, u fil-fatt mhux l-ewwel darba li l-Qrati tagħna jirrimettu l-atti li jinġiebu quddiemhom lit-Tribunal tal-Arbitraġġ anki f'każijiet ta' arbitraġġ mandatorju. Ara per eżempju sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Diċembru, 2022 fl-ismijiet **Adrian Borg et *vs* Carmelo Bonello**, fejn il-Qorti proprju bagħtet l-atti quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ, bħala l-forum fejn kellha tiġi riżolta t-tilwima li nqalgħet bejn il-partijiet. Wara kollox minkejja li l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ma jsirux bl-istess formalità li biha jsiru l-proċeduri quddiem 'qrati, bordijiet jew tribunali' oħra, dan huwa forum li fih jiġu deċiżi t-tilwimiet bejn il-partijiet, u għalhekk għandu l-istess funzjoni ta' 'qorti jew tribunal'. In vista ta' dawn il-

konsiderazzjonijiet għalhekk, din il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u għandha tiġi milqugħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-ewwel aggravju tiegħu, u tikkonferma li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jisma' l-lanjanzi tal-appellant, filwaqt li tiddeċiedi li l-atti għandhom jiġu rimessi liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta sabiex il-kwistjoni tinstema' minn Arbitru.**

**Il-Qorti qiegħda tordna wkoll li din is-sentenza tiġi kkomunikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u lir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, sabiex jagħmlu dak li huwa meħtieġ skont il-liġi.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**